



SOMMARJU TAR-RAPPORT ANNWALI 2021

<https://eiopa.europa.eu/>



eiopa

European Insurance and
Occupational Pensions Authority

Cover photo: © AdobeStock; pages 6 and 7: © EIOPA; all other pictures: © AdobeStock

PDF ISBN 978-92-9473-463-1 doi:10.2854/489538 EI-07-22-779-MT-N

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għalha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

© EIOPA, 2022

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

PETRA HIELKEMA



KELMTEJN TA' QABEL MILL-PRESIDENT

Bi pjaċir kbir se nippreżenta dan ir-rekord tal-attivitajiet tal-EIOPA fl-2021.

Għal darb'oħra, fl-2021, il-pandemija kellha rwol ewlieni bit-tilqim u l-varjanti tal-virus jerġgħu jkunu magħna – tal-ewwel merħba bihom, tal-aħħar le. Minħabba li s-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet tax-xogħol kien irnexxielhom ikampaw relattivament tajjeb tul il-pandemija, l-enfasi fl-2021 kienet kemm fuq l-appoġġ tal-irkupru kif ukoll fuq il-monitoraġġ għall-effetti dejjiema tal-kriżi, b'mod partikolari l-inflazzjoni.

Il-protezzjoni tal-konsumatur hija prijorità għall-EIOPA u f'dan il-qasam l-EIOPA wiegħbet għal tħassib dwar prodott partikolari marbut ma' unità b'qafas għall-indirizzar tal-valur għall-flus. Għal ħafna faddala, il-prodotti marbuta ma' unitajiet jista' jkollhom rwol importanti u dan il-qafas se jgħin biex jiġi żgurat li l-prodotti jiġu żviluppatti, ikkummerċjalizzati u mibjugħa bil-għan li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-konsumatur u li l-konsumaturi jkollhom aċċess għal pariri u informazzjoni xierqa biex jgħinuhom jieħdu deċiżjonijiet infurmati meta jixtru l-prodotti.

L-EIOPA użat l-għodod tagħha biex tikkoordina mal-awtoritajiet nazzjonali ħalli tindirizza oqsma fejn in-nuqqasijiet tal-kondotta kummerċjali relatati man-negozju transfruntier kienu evidenti. Sar evidenti li biex jitnaqqas id-detriment għall-konsumaturi, jista' jkun meħtieġ rieżami tas-setgħat mogħtija lill-EIOPA f'dan il-qasam.

Fil-qasam tal-pensjonijiet, l-EIOPA laqgħet id-dħul fis-seħħ tar-regolament għal Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) u permezz tas-sottomissjoni ta' pariri lill-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-pensjonijiet – dwar dashboards u sistemi ta' traċċar – ittieħdu passi ulterjuri biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-pensjonijiet.

Iż-żewġ oqsma ta' finanzjament u diġitalizzazzjoni sostenibbli komplew jiddominaw l-aġenda, mhux biss għall-EIOPA, iżda wkoll għall-awtoritajiet nazzjonali u s-setturi tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet tax-xogħol. F'dawn l-oqsma, l-EIOPA żammet l-enfasi tagħha fuq l-appoġġ lis-setturi u lill-komunità superviżorja fl-immaniġġjar tat-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ekoloġika u diġitali.

Ir-regolament adegwat għall-użu huwa l-pedament li fuqu tinbena superviżjoni effettiva u f'dan ir-rigward, l-EIOPA laqgħet b'mod wiesa' l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rieżami tas-Solvenza II u tkompli tappoġġa l-proċess ta' rieżami.

Meta wieħed iħares 'il quddiem, l-inċertezza tkompli, b'mod partikolari bħala riżultat tal-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-EIOPA tappoġġa l-istituzzjonijiet Ewropej kollha f'solidarjetà mal-poplu tal-Ukrajna. Filwaqt li l-impatt dirett tal-invażjoni fuq is-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet tax-xogħol huwa baxx, l-EIOPA se tkompli timmonitorja x-xenarju mill-qrib għall-effetti fuq l-istabbiltà tas-settur tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet fl-Ewropa. L-EIOPA se tagħti attenzjoni mill-qrib ukoll lill-effetti ta' żidiet rapidi fl-għoli tal-ħajja.

Sabiex twettaq il-mandat ambizzjuż tagħha, l-EIOPA tirrikjedi persunal kapaċi u aġli u jien ninsab ħerqana biex naqdi r-rwol tiegħi fit-trawwim ta' organizzazzjoni varjata u inklużiva li tippermetti lill-membri kollha tal-persunal jisfruttaw l-potenzjal kollu tagħhom. B'dan il-mod, bħala organizzazzjoni, se nkunu nistgħu nkomplu nappoġġaw lis-settur biex jadatta għall-isfidi futuri.

Fuq nota personali, meta ġejt maħtura bħala President f'Settembru 2021, ġejt milqugħa minn persunal impenjat, infurmat u entużjast li għamel l-ewwel jiem tiegħi tant aktar faċli. Jien napprezza ħafna wkoll l-appoġġ tal-kollegi tiegħi fil-Bord u fl-awtoritajiet Superviżorji Ewropej aħwa tagħna u ħerqana għal futur ta' kooperazzjoni tajba u suċċess konġunt.

Nixtieq ngħid grazzi b'mod speċjali lil Gabriel Bernardino li l-mandat tiegħu bħala President intemm fit-28 ta' Frar 2021. Matul il-mandat tiegħu, huwa poġġa lill-EIOPA fil-qalba tas-superviżjoni tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet fl-Ewropa u ninsab ħerqana biex inkompli l-legat tiegħu billi nibni fuq il-kisbiet tiegħu. Nixtieq ngħid grazzi kbira wkoll lil Peter Braumüller talli laqa' b'mod ammirabbli r-rwol tiegħu bħala Viċi President u mexxa l-organizzazzjoni wara t-tluq ta' Gabriel.

L-assigurazzjoni u l-pensjonijiet tax-xogħol ikompli jokkupaw rwol vitali fil-ħajja ta' kull ċittadin fl-Ewropa u min-naħa tagħha l-EIOPA se tkompli taħdem biex trawwem setturi b'saħħithom li jappoġġaw liċ-ċittadini u lis-soċjetà.

FAUSTO PARENTE



KELMTEJN TA' QABEL MID-DIRETTUR EŻEKUTTIV

Is-sena 2021 reġgħet kienet immarkata mill-inċertezza. Bdejna s-sena naħdmu mid-dar, il-pandemija kompliet tinfluwenza l-oġettivi strateġiċi tagħna u aħna komplejna nif-fokaw fuq l-impatt tagħha fuq is-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet, bil-għan li nippreservaw l-istabbiltà u nappoġġaw l-irkupru ekonomiku.

L-EIOPA irnexxielha twestaq il-programm ta' ħidma tagħha għas-sena, filwaqt li taqbeż il-mira għall-maġġoranza tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

Aħna komplejna bl-istrateġija tagħna għal titjib fl-effiċjenza, abbażi ta' erba' komponenti:

- › I-ippjanar u l-prijoritizzazzjoni tar-riżorsi;
- › L-istrateġija tad-data u tal-IT u s-soluzzjonijiet diġitali;
- › ir-rieżami tal-proċess tan-negozju, l-ottimizzazzjoni tas-servizzi u l-kapitalizzazzjoni fuq servizzi kondiviżi; u l-ġestjoni integrata tat-talent.

L-EIOPA kibret bħala organizzazzjoni u laqgħet persunal ġdid, bin-numru totali ta' persunal (inklużi esperti nazzjonali sekondati) jżieded għal 193 fl-aħħar tal-2021, minn 185 fi tmiem is-sena preċedenti. Barra minn hekk, kien hemm żieda ulterjuri fil-perċentwal ta' persunal iddedikat għan-negozju ewleni.

Matul is-sena, l-Awtorità għamlet użu effettiv u responsabbli mir-riżorsi. Il-baġit operatorju fl-2019 kien ta' EUR 32.9 miljun u matul is-sena r-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-impjenji kienet ta' 99.44 % u ta' 81.18 % għall-pagamenti li saru.

L-EIOPA hija impenjata li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali tagħha u tnaqqas l-impatt tal-operazzjonijiet tagħha fuq l-ambjent. Fl-2021 konna qed naħdmu fuq l-implimentazzjoni tal-Iskema tal-UE ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS). Dikjarazzjoni dwar l-immaniġġjar ambjentali hija inkluża f'dan ir-rapport.

Hekk kif il-COVID-19 kompliet tevolvi, il-persunal reġa' ħadem mid-dar matul il-biċċa l-kbira tas-sena. Dan kien possibbli bis-saħħa tas-soluzzjonijiet tal-IT u r-riżorsi pprovduti lill-persunal. Madankollu, aħna komplejna nadattaw l-ispazju tax-xogħol tagħna għal ambjent tax-xogħol ibridu u komplejna ninvestu fit-teknoloġija biex nippermettu xogħol bla xkiel hekk kif stedinna lill-kollegi lura lejn il-post tax-xogħol, inizjalment bħala voluntiera. Is-saħħa u s-sikurezza tal-kollegi kienu prijorità, bit-tbегħid fiżiku li baqa' fis-seħħ sa tard fl-2022.

Filwaqt li l-approċċ dar-uffiċċju kien jirrifletti l-impatt kontinwu tal-pandemija, dan irrifletta wkoll normalizzazzjoni ġenerali tal-ħidma ibrida. Hekk kif naqas ir-riskju tal-pandemija, aħna komplejna nilqgħu lill-persunal lura fl-uffiċċju għal numru ta' jiem partikolari fil-ġimgħa. Fl-istess ħin, aħna nirrikonoxxu li biex nibqgħu attraenti bħala impjegatur u biex inkunu nistgħu niksbu l-persunal tas-sengħa li neħtieġu biex nilħqu l-oġġettivi tagħna, jeħtieġ li noqogħdu attenti ħafna għall-kundizzjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari dawk relatati mal-arranġamenti għal xogħol ibridu.

Bħal fi snin preċedenti, aħna bbenefikajna minn kooperazzjoni mill-qrib mal-kontropartijiet fl-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u minn relazzjonijiet produttivi mal-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-Bord tas-Superviżuri tagħna.

Aħna komplejna nfittxu wkoll l-input minn għażla wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati biex ninfurmaw il-ħidma tagħna, b'mod partikolari permezz tal-gruppi ta' partijiet ikkonċernati tagħna, kif ukoll permezz ta' konsultazzjonijiet u avvenimenti.

F'din l-okkażjoni, nixtieq nestendi r-ringrazzjamenti personali tiegħi lill-eks President tagħna, Gabriel Bernardino, li mexxa l-organizzazzjoni għal 10 snin u lil Peter Braumüller talli appoġġa l-organizzazzjoni fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi President fil-perjodu ta' tranżizzjoni qabel ma Petra Hielkema bdiet tokkupa l-kariga tagħha.

Barra minn hekk, nixtieq niringrazzja lill-persunal, lill-membri tal-Bord tas-Superviżuri tagħna, u lill-kontropartijiet tiegħi fl-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra u fl-aġenziji tal-UE għall-ħidma kbira, l-impenn u l-kooperazzjoni produttiva tagħhom. Billi naħdmu flimkien, nistgħu nkomplu niżguraw li nagħmlu differenza għan-nies, għan-negozji u għall-ekonomiji madwar l-Ewropa.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Matul l-2021, l-EIOPA kompliet taqdi rwol essenzjali fis-superviżjoni tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet fl-Ewropa, b'fidma mill-qrib mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali Ewropej, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-partijiet ikkonċernati l-oħra biex tilħaq l-oġettivi strateġiċi tagħha stabbiliti fil-programm ta' fidma annwali tagħha.

Is-sena 2021 kompliet taħt l-influenza tal-pandemija tal-COVID-19, li rriflettiet fl-attivitajiet kummerċjali ewlenin tal-EIOPA u fuq il-miżuri organizzattivi stabbiliti għall-persunal, il-viżitaturi u l-membri tal-Bord tal-EIOPA. Fl-2021, l-EIOPA pprovdiet Programm ta' Fidma Annwali esiġenti li kien jinkludi x-xogħol li ma ngħatax prijorità fl-2020 minħabba l-impatt tal-COVID-19 fuq il-fidma tagħha.

F'Settembru 2021, Petra Hielkema saret il-President tal-EIOPA b'mandat ta' ħames snin.

NIXPRUNAW IS-SUPERVIŻJONI U R-REGOLAMENTAZZJONI TAN-NEGOZJU

Permezz tar-Regolament tagħha, l-EIOPA hija awtorizzata li tiegħu rwol ewleni fil-promozzjoni tat-trasparenza, tas-semplifika u tal-ġustizzja fis-suq intern kollu. Il-bini ta' qafas regolatorju sod huwa essenzjali għal dan. F'dan il-kuntest, flimkien mal-ASE l-oħra, l-EIOPA żviluppatt standards tekniċi li:

Ifittxu li jiġġieldu "l-greenwashing" ta' prodotti finanzjarji billi skont ir-Regolament dwar Divulgazzjonijiet Relatati mas-Sostenibbiltà tas-Servizzi Finanzjarji (SFDR) u r-Regolament dwar it-Tassonomija (TR) jiddefinixxu l-mod li bih l-entitajiet finanzjarji jiddivulgaw l-impatt tad-deċiżjonijiet tal-investiment tagħhom fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà u l-mod li bih l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà fl-informazzjoni dwar il-prodott tiġi divulgata lill-investituri.

Ifittxu li jagħmlu d-Dokument bl-Informazzjoni Ewlenija (KID) tal-PRIPs aktar attraenti u aċċessibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur billi jagħmlu titjib immirat biex

jiġu indirizzati għadd ta' kwistjonijiet regolatorji ewlenin li ġew identifikati b'rabta mal-kontenut tal-KID; u

Matul is-sena, l-EIOPA saħħet b'mod sinifikanti l-fidma tagħha dwar it-tweqqif tas-superviżjoni tan-negozju, bl-użu tas-setgħat ta' intervent tal-prodotti tal-EIOPA u firxa ta' għodod superviżorji u ta' sorveljanza. Dan jinkludi xejriet kontinwi tal-konsumatur u fidma ta' monitoraġġ tas-suq, speċjalment tax-xejriet emerġenti, kif ukoll l-involviment attiv ma' u ż-żjarat lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs) u lil partijiet minn pajjiżi terzi. Fl-2021, l-EIOPA wettqet ukoll konsultazzjoni dwar qafas biex tin-dirizza l-valur għar-riskju tal-flus fis-suq Ewropew marbut mal-unitajiet u tippubblika r-riżultati tiegħu.

L-EIOPA kompliet taħdem fuq każijiet transfruntiera b'detriment possibbli għall-konsumaturi, permezz tal-istabiliment ta' pjattaformi ta' kooperazzjoni transfruntiera u bl-użu tal-għodod disponibbli tagħha biex tikkoordina azzjonijiet superviżorji xierqa mill-NCAs. F'nofs l-2021, l-EIOPA ħarġet rakkomandazzjoni individwali lil NCA biex tiegħu azzjonijiet superviżorji kontra impriża li twettaq negozju transfruntier f'diversi Stati Membri. Fit-tieni nofs tal-2021, l-EIOPA kkonkludiet nuqqas ta' konformità b'din ir-rakkomandazzjoni. Dan il-każ, fost l-oħrajn, jindika r-rilevanza dejjem akbar tar-riskju li n-negozju transfruntier jista' jsir problema għall-konsumaturi jekk is-superviżjoni tad-dar/ospitanti ma tkunx effettiva u kkoordinata kif xieraq. Hija tenfasizza wkoll il-limitazzjonijiet tal-għodod tal-EIOPA f'dan ir-rigward. Fl-aħħar nett, l-EIOPA rċeviet ukoll l-ewwel talba tagħha biex tibda investigazzjoni dwar tħassib speċifiku relatat mas-superviżjoni tal-grupp fi Stat Membru speċifiku. Din l-investigazzjoni għadha għad-dejja.

INMEXXU L-KONVERĠENZA LEJN SUPERVIŻJONI PRUDENZJALI TA' KWALITÀ GĦOLJA

Il-kisba ta' approċċ Ewropew komuni għas-superviżjoni hija ċentrali għall-fidma tal-EIOPA. Fl-2021, l-EIOPA ppubblikat il-kriterji għall-indipendenza tal-awtoritajiet

superviżorji, li huma kruċjali għal-leġittimità u l-kredibbiltà tal-proċess superviżorju. L-EIOPA ppubblikat diversi għodod li jindirizzaw il-konverġenza superviżorja f'oqsma bħall-użu ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju, prattiki superviżorji u aspettattivi f'każ ta' ksur tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew ORSA fil-kuntest tal-COVID-19. L-EIOPA kompliet tippublika għadd ta' rapporti relatati ma' aspetti differenti ta' Solvenza II u pproponiet emendi għar-rekwiżiti ta' rapportar tad-dokumenti superviżorji u ta' divulgazzjoni pubblika. Barra minn hekk, fl-2021 L-EIOPA ppubblikat rapport dwar il-proposta tal-EIOPA għall-implimentazzjoni ta' tranżizzjonijiet tal-IBOR, li tfitteż li żżid ir-robustezza u l-affidabbiltà tal-parametri referenzjarji finanzjarji.

L-EIOPA tkompli taqdi r-rwol internazzjonali ewlieni tagħha fil-kuntest tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni (IAIS) u żammet kuntatti u djalogi regolari ma' guriżdzjonijiet ewlenin ta' pajjiżi terzi.

Min-naħa tal-pensjonijiet, L-EIOPA ħarġet opinjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' pensjonijiet b'kontribuzzjoni definita u dwar il-kostijiet u l-imposti tal-IORPs, u pprovdiet parir lill-Kummissjoni tal-UE dwar is-servizzi ta' traċċar tal-pensjonijiet u d-dashboards.

Fl-2021, L-EIOPA kompliet bil-programm BI 2.0, li jwassal lill-Awtorità tittrasforma ruħha f'organizzazzjoni diġitali, iffukkata fuq l-utent u mmexxija mid-data anke fir-rwol tagħha bħala regolatur u faċilitatur u tipprovdiet lill-NCAs b'analiżi tad-data u rapporti tad-data rilevanti. L-EIOPA kompliet ittejjeb il-qafas tagħha tal-intelliġenza tan-negozju u tal-analitika tad-data filwaqt li ħadet vantaġġ mill-iżviluppi teknoloġiċi ġodda u mill-opportunitajiet li jippreżentaw, għal kondiżjonijiet tal-għarfien u tal-esperjenzi bejn L-EIOPA u l-NCAs.

Fl-aħħar nett, l-għan tal-EIOPA li tiżgura livell għoli, effettiv u konsistenti ta' superviżjoni madwar l-Ewropa, u b'hekk tiggarrantixxi livell simili ta' protezzjoni tad-denturi tal-poloż u tal-benefiċjarji madwar il-guriżdzjonijiet, ġie promoss permezz tal-konsolidazzjoni tal-Manwal superviżorju tagħha u l-għoti ta' taħriġ lis-superviżuri. Barra minn hekk, L-EIOPA wettqet rieżami bejn il-pari dwar l-esternalizzazzjoni u rieżami bejn il-pari ta' segwitu dwar il-funzjonijiet ewlenin.

L-EIOPA kompliet taħdem mas-superviżuri nazzjonali biex tippromwovi kundizzjonijiet ekwi bil-parteċipazzjoni fil-kulleġġi tas-superviżuri, fl-ispezzjonijiet fuq il-post, fil-pjattaformi ta' kooperazzjoni u fl-impenni bilaterali, kif ukoll billi tipprovdiet assistenza teknika, taħriġ u rakkomandazzjonijiet. Dwar l-użu ta' mudelli interni, L-EIOPA żviluppata studji komparattivi, li jindirizzaw oqsma ta' prijorità fir-rigward ta' Mudelli Interni inklużi rapporti pubbliċi.

INSAFĦU L-ISTABILITÀ FINANZJARJA TAS-SETTURI TAL-ASSIGURAZZJONI U TAL-PENSIJONIJIET TAX-XOĠĦOL

L-EIOPA kompliet tidentifika x-xejriet u r-riskji potenzjali u l-vulnerabbiltajiet li jista' jkollhom effett negattiv fuq is-setturi tal-pensjonijiet u tal-assigurazzjoni fl-Ewropa kollha. Bħala parti minn din il-ħidma, matul din is-sena, L-EIOPA ppubblikat statistika dwar l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet tax-xoġħol, inkluż id-dashboards tar-riskji fuq bażi trimestrali u r-rapport dwar l-istabbiltà finanzjarja darbtejn fis-sena. Barra minn hekk, L-EIOPA żviluppata Qafas Ewropew ta' Valutazzjoni tar-Riskju Sistemiku (SRAF) biex tippermetti lill-Awtorità u lill-membri tagħha jiddeterminaw il-fehma tagħhom stess dwar ix-xejriet u l-iżviluppi tas-suq tal-assigurazzjoni Ewropew u r-riskju sistemiku potenzjali, u biex tgħinhom fit-tgħijja tad-diskussjonijiet kollettivi tal-IAIS.

Fl-2021, L-EIOPA wettqet ukoll test tal-istress iffukat fuq xenarju fit-tul tal-COVID-19 f'ambjent ta' rata tal-imġha "aktar baxx għal perjodu itwal". Minkejja l-implikazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji gravi tal-pandemija tal-COVID-19, l-industrija Ewropea tal-assigurazzjoni daħlet fl-eżerċizzju tat-test tal-istress b'livell ta' kapitalizzazzjoni qawwi. Dan il-buffer robust ippermetta lill-parteċipanti jassorbju x-xokk tax-xenarju avvers. Is-sejbiet urew ukoll li l-vulnerabbiltajiet ewlenin għas-settur jirriżultaw minn xokkijiet fis-suq, u li l-industrija tal-assigurazzjoni għandha għodod għad-dispożizzjoni tagħha biex tlaħħaq mal-effetti avversi tas-suq u ekonomiċi. Barra minn hekk, il-miżuri ta' garanziji fit-tul għenu biex jassorbju parti mix-xokkijiet severi iżda plawżibbli. Madankollu, it-test tal-istress żvela wkoll li parti mis-suq għadha tiddependi ħafna fuq miżuri tranżitorji. Il-pożizzjoni tal-likwidità tal-parteċipanti ma żvelat l-ebda vulnerabbiltà.

TEMI TRAŻVERSALI

L-EIOPA kompliet il-ħidma tagħha fil-qasam tal-finanzi sostenibbli. Il-ħidma tal-EIOPA indirizzat kwistjonijiet ewlenin ta' riskju relatat mat-tibdil fil-klima għas-settur tal-assigurazzjoni u kompliet tkegħeġ lill-assiguraturi biex jaqdu r-rwol tagħhom li jippermettu l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-EIOPA kompliet tagħti attenzjoni mill-qrib lid-diskrepanza fil-protezzjoni tal-assigurazzjoni, li tkejjel id-differenza bejn dak li huwa assigurat u t-telf ekonomiku potenzjali. L-EIOPA ppropriet passi metodoloġiċi li jappoġġaw il-ħtieġa li jiġi fformalizzat approċċ għall-valutazzjoni mill-ġdid u l-kalibrazzjoni mill-ġdid tal-parametri għall-modulu tar-riskju ta' katastrofi naturali tal-formula standard tas-Solvenza II fuq bażi regolari. L-EIOPA u l-persunal tal-BĊE ppubblikaw artiklu tematiku fir-Rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja tal-EIOPA dwar it-tibdil fil-klima, il-katastrofi u l-benefiċċji makroekonomiċi tal-assigurazzjoni. Barra minn hekk, l-EIOPA ppubblikat dokument dwar miżuri biex tittejjeb l-assigurazzjoni tar-riskju ta' interruzzjoni tan-negożju fid-dawl tal-pandemiji u ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea l-parir tekniku tagħha dwar l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija. B'mod ġenerali, l-EIOPA appoġġat l-Aġenda dwar il-Finanzi Sostenibbli tal-Kummissjoni Ewropea.

L-EIOPA tkompli ssegwi mill-qrib l-użu dejjem akbar tad-data u d-diġitalizzazzjoni biex tidentifika modi ħalli tippoteġi aħjar lill-konsumaturi mingħajr ma tfixkel l-innovazzjoni. Fir-rigward tar-reżiljenza diġitali, l-EIOPA adottat u implimentat Linji Gwida dwar is-sigurtà u l-governanza

tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u ffukat fuq it-tnejn tal-ħidma teknika meħtieġa għall-proposta leġiżlattiva dwar l-att dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali (DORA). L-EIOPA ppubblikat l-Istrateġija ta' Trasformazzjoni Diġitali tagħha biex tiżgura approċċ sistematiku, ibbilanċjat u olistiku għat-trasformazzjoni teknoloġika tas-swieq Ewropej tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet u s-superviżjoni tagħhom li qed issir bħal-issa. Flimkien mal-ASE l-oħra hija ħadmet fuq ir-Rapport Finali, biex twieġeb is-Sejħa tal-Kummissjoni Ewropea għal Pariri dwar il-finanzi diġitali u kwistjonijiet relatati.

L-EIOPA kompliet bl-involvement tagħha mal-Grupp ta' Esperti konsultattivi dwar l-Etika Diġitali fl-assigurazzjoni u ppresediet il-Forum Ewropew għall-Faċilitaturi tal-Innovazzjoni (EFIF).

INWETTQU L-MANDAT B'MOD EFFETTIV U EFFIĊJENTI

Fl-2019, f'kuntest ta' xogħol mill-bogħod tal-COVID-19 fit-tul, l-EIOPA kompliet topera bħala organizzazzjoni effettiva u effiċjenti, filwaqt li fl-istess ħin fittxet li ttejjeb aktar il-proċessi amministrattivi tagħha. Fil-qasam tad-diversità u l-inklużjoni, l-EIOPA adottat l-Istrateġija tagħha dwar id-Diversità u l-Inklużjoni u Pjan ta' Azzjoni dettaljat li jsostni l-viżjoni tal-EIOPA li tkun awtorità superviżorja kredibbli, li tmur ferm lil hinn milli tiżgura l-konformità mar-regoli dwar in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza.

KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

Onlajn

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://op.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

**EUROPEAN INSURANCE AND
OCCUPATIONAL PENSIONS AUTHORITY**

Westhafenplatz 1,
60327 Frankfurt am Main, Germany



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijie
tal-Unjoni Ewropea